# Tlett Mudelli ta' Direttur Haddiem

Godfrey Baldacchino

Jiena qatt ma kont haddiem direttur u allura zgur li ma nistax nitkellem minn esperjenza. Pero forsi dak huwa il-vantagg tieghi illum. Il-kuncett ta' direttur haddiem huwa diga kontradizzjoni fih nifsu. Jien ghalija haddiem, direttur, x'int int? Diga qed tilbes zewgt ikpiepel. Din hija wahda mill-problemi bhala haddiem direttur. Inhobbu nghidu: liema direttur? Huma bhal diretturi ohra?.Ghandhom l-istess responsabilitajiet? l-istess poteri? Ikollhom l-istess drittijiet? Imma skuzi mhumiex bhad-diretturi l-ohra u ma jistghux ikunu bhad-diretturi ohra ghax id-diretturi l-ohra ma jahdmux fl-istess post tax-xoghol. Diga hemm dan l-aspett partikolari. Huwa mportanti li niftakru li jekk inti ghandek persuna li tahdem f'dak il-post tax-xoghol din diga ghandha nteress differenti. It-tieni nett ninnotaw ukoll li hafna minn dawn il-haddiema diretturi forsi fil-bidu meta kienu jinhatru jigu nominati mill-union u meta ghall-bidu kienu jigu eletti mill-haddiema kienu jkunu mill-karigi ndustrijali. Kienu jkunu min-naha t'isfel tax-shopfloor. Donnu matul is-snin, nosserva li anke il-haddiem stess qed jippreferi jeligi management representatives biex jimprezentawh fuq il-bord tad-diretturi, nies li mhux daqstant tax-shopfloor imma nies li ghandhom karigi iktar 'l fuq. Biex ma nsemmix certi haddiema diretturi li dment li

kienu diretturi ibbenefikaw minn promozzjonijiet. Xejn ma jzommhom illi jaghmluha din s'issa. Mela apparti haddiem direttur jiena nzid ohra diga fil-borma - Haddiem direttur f'kariga manigerjali. Mela inti jista jkollok sitwazzjoni fejn inti tiddeciedi fuq xi haga bhala direttur li se taffetwak bhala manager. Apparti dan, hemm diversi kwalitajiet ta' haddiema diretturi. Ghall-bidu qabel l-1988 il-pattern kien semplici. Kellna union u kienet union wahda il-G.W.U f'certi postijiet tax-xoghol dehrilha li kellha tishaq li jkollha rapprezentant taghha fuq il-bord u kien ikun innominat minnha. Wara l-1988 qlibna l-pattern l-iehor. L-ewwel fl-Enemalta u Telemalta fejn kif tafu giet emendata l-ligi u l-haddiem direttur nominat mill-union beda jigi elett mill-haddiema. Bl-appogg tal-union xorta hafna drabi kien ikun membru tal-union biex ma nghidx ufficjal tal-union. Pero biz-zmien naraw li anke dak il-pattern ma baqax wahdu. Zviluppaw patterns ohra: per ezempju hemm haddiema diretturi li huma eletti mill-haddiema imma mhux bhala haddiema. Hemm haddiema diretturi li huma eletti mill-haddiema bhala shareholders. Ghandna postijiet tax-xoghol fejn haddiema ghandhom ix-shares. Bhal shareholders ohra, huma wkoll ghandhom id-dritt jivvutaw ghall xi hadd fuq il-bord. Dak x'inhu issa haddiem direttur jew direttur haddiem? Jista jkun ma nippronunzjax ruhi jiena stess imma jista jkollok haddiem li jista jigi nominat mill-Gvern fuq il-bord tal-kumpanija tieghu. Xi jzomm lil-Gvern li jinnomina haddiema fil-bord ta' l-impriza?

M'hemmx ghalfejn jigi elett. Mhemmx ghalfejn jigi nominat mill-union; jista' jigi nominat mill-Gvern stess fuq il-bord u sa fejn naf jien din grat. X'inhu allura dan direttur haddiem jew haddiem direttur? Xi haga hija n-nominazzjoni minn shareholders mhux b'elezzjoni issa b'nomina fejn inti m'ghandekx l-element demokratiku. Hemm hafna varjazzjonijiet. Jiena qed nipprova nuri li hemm diga problema biex niddefinixxu ezatt fuq min qed nitkellmu illum.

Kieku kellna ngibu quddiem ghajnejna lil dan il-bniedem jew lil dil-bniedma (importanti li nzommuha miftuha din ghaz-zewg sessi) qed ingibu f'mohhna haddiem industrijali, haddiem manigerjali, haddiem trejdjunjonista u forsi anke shopsteward. U allura minn hawn imbghad johorgu problemi ohra. Diga mhawwda bizzejjed il-borma u nkompli nhawwadha. Il-lealta ta' din il-persuna lejn min hi? Lejn il-haddiema li tellghuha? F'kazijiet fejn il-haddiema li jeliegu haddiem direttur il-Ministru responsabbli sa fejn naf jien l-anqas jaghti ittra ta' hatra lil dik il-persuna b'rikonoxximent. F'dawn il-kazijiet id- dritt gej minn taht. Ghax intom *buona grazia* tal-gvern. Dik hija id-differenza. Fil-kaz tat-Telemalta u l-Enemalta le. Id-diretturi l-ohra kollha anke jekk huma haddiema nominati mill-Gvern jehduha l-ittra tal-hatra. Dawk eletti mill-haddiema le. In-nies taghtilhom din il-poter. L-ittra tal-hatra mhux qed johduha. Il-lealta lejn

min hi? Din lejn min ghandha tkun? Inhobbu nghidu ahna il-lealta hija lejn ix-shareholders. Imma skuzi; min huma x-shareholders? Ix-shareholders huma biss dawk li ghandhom l-assi? F'entitajiet pubblici jew parastatali l-Gvern tal-mument huwa responsabbli mill-assi pubblici. Allura responsabbilta ta' direttur hu min hu anke jekk hu elett mil-haddiema huwa lejn il-Gvern tal-gurnata jew inkella kif anke smajna dalghodu f'xi workshops hemm min qed juza definition differenti ta' shareholder? Hemm min qed jghid: Le skuzi, anke il-haddiema shareholders. U mhux shareholders biss dawk il-haddiema tal-Mid Med u Bank of Valletta li ghandhom ix-shares taghhom imma anke haddiem komuni ghax sempliciment qed jahdem hemm.

Imma issa qed nitkellmu fuq xi haga li il-ligi ma tirrikonoxxix u meta nigu ghas-Si u n-No rridu naghzlu il-lealta lejn min hi, meta jinqala' konflitt. Din il-gimgha kien hemm kaz fejn il-President ta' taqsima tal-GWU baghat ittra lix-shopstewards li nqrat waqt is-seminar fejn qallhom li spicca vittma ta' konflitt tal lealta tieghu lejn il-union kontra l-lealta tieghu lejn min qed ihallsu. Biex insemmi kaz iehor konkret ma nistax ma nsemmiex il-kaz ta siehbi stess hawnhekk li hu ma semmiehx u jien se nsemmieh. Meta kien hemm l-istrajk kontra l-VAT f'Ottubru 1994 il-G.W.U f'dan il-kaz tat diretttiva lill-haddiema biex ma jmorrux ghax xoghol. Tony Xuereb huwa

haddiem fl-Enemalta. Pero Tony Xuereb kien ukoll dak iz-zmien direttur. Kien ilu jigi elett diversi snin bhala direttur. Kellu jiddeciedi u ghazel li jmur ghax xoghol. Diretturi ma jistrajkjawx. Diretturi huma leali lejn l-organizzazzjoni taghhom. Fdal kaz, kienet l-Enemalta. Iva fil-kaz tieghu; hu kien id-direttur haddiem.

Mela din hi sitwazzjoni reali li nqalet u xi hadd kellu jiddeciedi. Mhix aktar kwistjoni ta' loghob ta' l-akrobaziji. Haddiema diretturi; diretturi haddiema meta jaqblilna nuzaw il-kelma direttur qabel jew jaqblilna nuzawha wara. Irridu niddeciedu u hafna drabi jiddeciedu b'reazzjoni qawwija l-haddiema stess. L-akbar ghadu tad-direttur haddiem huwa l-haddiem. Irridu nfehmuh ezattament x'suppost jaghmel haddiem direttur. Il-Union, hi min hi, issa ghandha rwol importanti biex tispjega. Imma qisna cirku vizzjuz. X'ha jispjegawlu lill-haddiem? Li hawn tahwida shiha? Xi hadd irid jiddeciedi li l-haddiem direttur hu xi haga partikolari. Issa jew niddeciedu li hu bhad-diretturi l-ohra imma jekk niddeciedu bhad-diretturi l-ohra allura l-argumenti li ghamlu kemm Reno u kemm Tony dwar l-informazzjoni se jaqghu. Jekk se naghtu dritt lill-haddiem direttur joqghod idur il-branches forsi jkollu ufficcju jigbor l-informazzjoni, x'se naghtu dan id-dritt lil-haddiem direttur u nitfghuh hemm jew ser naghtuh lid-diretturi kollha? Jiena nahseb wahda mill-problemi li ghandna hawnhekk quddiemna hija il-

kultura tal-direttorat. Kulltant li jigri huwa li meta nitfghu persuna li gejja minn certu sfond fuq bord tad-diretturi, l-isfond li trawwmet fih tafettwa kemm x'tahseb hi fuq il-bqija tal-bord kif ukoll x'jahseb il-bqija tal-bord fuqha. Meta nibdew b' dik is-sitwazzjoni diga bdejna fuq sieq hazina. Ga bdew is-suspetti. Diversi haddiema diretturi jghidu li l-ewwel u l-akbar ezercizzu li ghandhom huwa biex jakkwistaw il-fiducja tal-bqija tal-bord. Nisimghu wkoll certu kummenti illi certi persuni ma japprezzawx ezattament x'suppost hija l-kariga ta' haddiem direttur. Diversi persuni jikkritikaw lil certi diretturi ghaliex 'jindahlu'. Juzaw dik il-kelma 'jindahlu' u hawn irridu noqghodu attenti ghaliex il-haddiem direttur differenti min diretturi ohra jew kwazi mid-diretturi kollha. Huwa haddiem li jahdem f'dak il-post tax-xoghol. Mela dan fizikament jahdem 40 siegha fil-gimgha jew aktar. Qieghed hemm. X'se tkun id-*definition* ta' indhil? Mhux ha noqghod insemmi it-Tarzna bhala kaz. Imma hija sitwazzjoni fejn il-prezenza ta' bord kollu tad-diretturi fizikament prezenti fuq il-post tax-xoghol apparti l-interess genwien taghhom li jinvolvu rwiehom apparti l'ostilita li gieli jkun hemm fil-managment kwazi kwazi iggiba wehedha il-bicca tax-xoghol li l-haddiem direttur jispicca jindahal. Ghandu jindahal iktar jew le?

Qeghed inpoggi dawn l-idejat kollha bhala mistoqsija ghal ta' l-apposta. Jien ghandi l-opinjoni personali tieghi imma dik ma tiswiex. Tiswa daqs l-opinjoni ta' haddiehor. Jiena id-direttur haddiem narah jaqgha taht tlett modi differenti. Dalghodu ppruvajt nispjega dawn il-mudelli waqt wiehed mil-workshops. L-ewwel hemm dak id-direttur haddiem li se jilhaq mill-haddiema u allura mhux ser jitbieghed mill-haddiema. Huwa dak id-direttur haddiem li jqies li hu qieghed hemm biex imexxi l-quddiem l-interessi tal-haddiema; mhux talli hekk talli qieghed hemm ukoll biex jirraprezenthom fuq il-bord. F'din is-sitwazzjoni, hu jaf li se jkun wahdu fuq il-bord. Il-bqija tal-bord - jaf li dak huwa widna jew spjun jew ghadu. Issa l-kelma ezatta arawha intom. Dik hija sitwazzjoni li ma tregix. Hija sitwazzjoni ta' konflitt permanenti. Hafna drabi x'jigri? Il-bqija tal-bord jibda jiltaqa' wahdu; jibdew jiftehmu qabel jiltaqghu mieghu. It-tieni kaz.. u dan huwa l-estrem l-iehor, huwa dik is-sitwazzjoni fejn il-haddiem direttur imur tajjeb hafna mad-diretturi u ma jmurx tajjeb mal-haddiema tant li jibdew jghajruh traditur, gakbin. Ghal kliem nerga' nhalli f'idejkom. "Imbasta tela' hemm fuq dan. Ha l-vot u nsiena". Pero hawnhekk forsi wiehed irid joqghod attent. Ghaliex insiek? Forsi insiek ghaliex ma kkomunikax mieghek jew ghaliex mhux qieghed iwettaq id-doveri tieghu sew? Jista jkun li dan huwa direttur ezemplari. Dan imma sfortunatament m'ghandux komunikattiva tajba u dik hija mportanti. Jekk inti trid il-vot. Tafu bizzejjed kull min

qieghed hawn elett f'kariga ta' vot li jrid il-vot kull tant zmien. Trid tikkonvinci lill-elettur li hdimt ghalih.

It-tielet u l-ahhar kaz huwa d-direttur elett mill-haddiema, li jservi biex l-veduti tal-haddiema jitwasslu fuq il-Bord, li jservi biex iwassal taghrif siewi (imma mhux kunfidenzjali) mill-Bord, ghand il-haddiema, li jghin biex l-ilmenti tal-haddiema partikulari jitressqu ghand min huwa fid-dover li jikkunsidrahom. Irid ikun direttur li m'ghandux kariga trejdunjonistika ghax irid jirraprezenta lil haddiema kollha, anki dawk mhux membri fi trejd unjon.